**QORTI TAL-APPELL**

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2022.**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 299/2004/2 MCH**

**Elton u Cheryll konjuġi Penza**

***v.***

***Terra Mediterranea Limited* u Raymond Aquilina, u Denise mart l-istess Raymond Aquilina għal kull interess li jista' jkollha; u b'dikriet tal-1 ta' Ġunju 2004 issejħet fil-kawża s-soċjetà *Spiteri Holdings Limited*; u b'dikriet tal-20 ta' Frar 2006 Michelle Tabone, Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof u bħala amministratur tal-Beni Ekkleżjastiċi kollha ta' Malta, interveniet fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa provvediment taħt l-art. 229(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili wara talba tal-atturi biex il-qorti tqis mill-ġdid provvediment minnha mogħti fit-18 ta' Lulju 2022.

2. Bil-provvediment tat-18 ta' Lulju 2022 din il-qorti kienet ordnat is-soprassessjoni tal-appell sakemm tinqata' finalment kawża fl-ismijiet

<u>*Terra Mediterranea Limited et v.* Reġistratur tal-Kumpanniji</u> (rik. 41/2022). Dik il-kawża hija dwar talba taħt l-art. 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386] biex isem is-soċjetà *Spiteri Holdings Limited*, li kien tħassar minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji, jerġa' jidħol fir-reġistru.

3. Bir-rikors tal-21 ta' Lulju 2022, li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment tallum, l-atturi talbu illi din il-qorti:

> »tirrevoka *contrario imperio* dik il-parti tal-provvediment fejn kienet ordnat is-soprasessjoni ta' dan l-appell sakemm tinqata' b'mod definittiv il-kawza <u>*Terra Mediterranea Limited et v.* Reġistratur tal-Kumpanniji</u> (rikors 41/2022), u tordna minflok li jinħatru kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' *Spiteri Holdings Limited* sabiex l-avviż tas-smigħ jkun jista' jiġi notifikat lilhom u l-appell jinstema' u jiġi deċiż.«

4. Il-konvenuti *Terra Mediterranea Limited* u l-konjuġi Aquilina wieġbu fl-10 t'Awwissu 2022 u opponew għat-talba.

5. Qabel ma tqis il-meritu tar-rikors il-qorti sejra tqis eċċezzjoni preliminari mressqa mill-konvenuti fis-sens illi talba taħt l-art. 229(4) Kod. Proċ. Ċiv. tista' ssir biss dwar dikrieti mogħtija minn qorti tal-ewwel grad u mhux ukoll minn dawk – bħal dak tat-18 ta' Lulju 2022 – mogħtija mill-Qorti tal-Appell.

6. Għalkemm huwa minnu illi ma jingħatax appell minn dikrieti interlokutorji mogħtija mill-Qorti tal-Appell, ma hemm xejn fil-liġi li jżomm milli tintalab rikonsiderazzjoni ta' dikrieti interlokutorji taħt l-art. 229(4), ukoll jekk dawn ikunu ngħataw mill-Qorti tal-Appell. Anzi, l-art. 230 tal-istess Kodiċi jgħid espressament illi "d-dikrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-qorti, biex titbiegħed minnhom".

7. It-talba magħmula mill-atturi bir-rikors tal-21 ta' Lulju 2022 għalhekk tista' ssir. Ngħaddu mela għall-meritu tar-rikors.

8. Jingħad qabel xejn illi l-appell waqaf jinstema' sabiex jistenna l-eżitu tar-rikors 41/2022 peress illi s-soċjetà *Spiteri Holdings Limited* kienet parti fil-kawża tallum u, għalkemm kienet inħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju u ma sar ebda appell minn dik id-deċiżjoni, madankollu l-liġi[1] trid li l-partijiet kollha, u mhux dawk biss li kontra tagħhom isir l-appell, ikunu parti fil-proċeduri tal-appell. Għalhekk, billi jekk tintlaqa' t-talba biex isem *Spiteri Holdings Limited* jerġa' jidħol fir-reġistru tal-kumpanniji, il-kumpannija "titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar"[2], ikun inutli li jkompli jinstema' l-appell għax dak li jkun sar fl-assenza tal-kumpannija jkollu jsir mill-ġdid.

9. L-argumenti mressqa fir-rikors tal-atturi – li din ma kinitx l-ewwel darba li isem *Spiteri Holdings Limited* tneħħa mir-reġistru, u li l-azzjonisti u d-diretturi tagħha ma għandhomx interess illi jżommu lis-soċjetà attiva u li jagħmlu dak meħtieġ biex terġa' tingata l-ħajja – huma konsiderazzjonijiet relevanti għall-għanijiet tal-meritu tar-rikors 41/2022 u għandhom jitqiesu mill-qorti li qiegħda tisma' dak ir-rikors, iżda mhux minn din il-qorti.

10. L-atturi jitolbu illi jinħatru kuraturi biex jidhru għal *Spiteri Holdings Limited* waqt is-smigħ tal-appell sakemm jinqata' r-rikors 41/2022. Kif sewwa josservaw il-konvenuti fit-tweġiba tagħhom, iżda, fil-preżent *Spiteri Holdings Limited* ma ma tidhirx fuq ir-reġistru tal-kumpanniji, u kuraturi ma

1 Artt. 144(1) u 152(2) Kod. Proċ. Ċiv.

2 Art. 325(4), Att dwar il-Kumpanniji

jistgħux jidhru għall-kumpannija li, għalkemm tista’ eventwalment tingħata l-ħajja *ex tunc*, effettivament fil-preżent ma teżistix.

11. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tal-atturi tal-21 ta’ Lulju 2022. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm